MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2003

Avviz Numru. 1070/1998/1

**Elmo Insurance Services Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta estera Sun Alliance and London Insurance plc bhala surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurat Alex Schembri u l-istess Alex Schembri**

**Vs**

**Amadeo Abela u b'digriet tat-13 ta' Lulju 1998 is-socjeta Middle Sea Insurance Co Ltd interveniet fil-kawza "in statu et terminis"**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex, prevja li jigi dikjarat li l-istess konvenut hu responsabbli ghall-kollizzjoni li grat tort tal-konvenut fit-22 ta' Gunju 1997 fi Valley Road Msida bejn il-karozza VW Golf Numru IAL 710 misjuqa

minn Mark Schembri u ta’ proprjeta tal-attur Alex Schembri u l-karozza Numru D 7977 misjuqa mill-konvenut Amadeo Abela u ghalhekk responsabbli ghad-danni konsegwenzjali u (2) ghaliex m’ghandux il-konvenut ikun konsegwentement kundannat ihallas is-somma ta’ tlett mija tlieta u tmenin lira Maltin wiehed u disghin centezmu (Lm383.91) bhala danni kwantu ghas-somma ta' tlett mija tlieta u tletin lira Maltin wiehed u disghin centezmi (Lm333.91) lil kumpanija attrici bhala somma minnha sbursata taht il-polza u kwantu ghas-somma ta’ hamsin lira (Lm50) lill-attur l-iehor Alex Schembri bhala somma minnu sborzata de proprio.

Bl-ispejjes komprizi dik tal-ittra ufficjali tas-26 ta’ Frar 1998 u tal-ittra ufficjali kontestwali lill-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax tat-8% mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficajli tas-26 ta’ Frar 1998. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet moghti fit-13 ta’ Lulju 1998 (fol 4 sa fol 7 tal-atti) u li bih is-socjeta assikuratrici tal-konvenut interveniet fil-kawza “in statu et terminis”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta intervenuta fil-kawza fol 8 tal-atti u li biha eccepiet bir-rispett:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati il-fatt u fid-dritt, stante li l-incident awtomobilistiku mertu ta’ din il-kawza, sehh unikament minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ Mark Schembri li kien qed isuq il-vettura tal-attur Alex Schembri.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, fuq l-iskizz esebit in atti (a fol 19) minn PS 78 Joseph Cremona, hemm murija kemm il-lokalita tal-incident kif ukoll il-posizzjoni tal-karozzi involuti, bil-hsarat relattivi, wara li gara l-istess incident. Dwar il-lokalita', l-incident gara f'Triq il-Wied, immedjatament qabel ma tidhol fl-Imsida. Mill-vleggeg imnizzlin fuq l-istess skizz, jidher li Mark Schembri kien qed jsuq il-karozza uzata minnu mid-direzzjoni ta' Birkirkara u sejjer lejn l-Imsida waqt li l-konvenut kien niezel mid-direzzjoni ta' Santa Venera sabiex johrog go l-istess Triq il-Wied. In rigward l-istess skizz hemm zewg fatti li ma humiex murija fuqu izda li jistghu jkunu importanti u influwenti fid-decisjoni ta' dan il-kaz. Difatti jider li fejn kien niezel il-konvenut hemm sinjal ta' stop ghat-traffiku niezel mill-istess nizla liema punt ma giex kontestat mill-partijiet involuti fil-habta.

Inoltre, f'nofs Triq il-Wied, kien hemm linja medjana bajda. Dwar dan PS 78 Joseph Cremona (fol 29 ibid) spjega "Hawnhekk fin-nofs hemm "continuous white line" li, pero', tantx kien jidher". Dwar dan, hu kompla jghid li min hu niezel, kif kien qed jaghmel il-konvenut ma setax jmur fid-direzzjoni tal-Imsida izda jsuq fid-direzzjoni ta' Birkirkara, avolja l-istess xhud qal ukoll li "ma jidhirlix li hemm sinjal li jindika li ma tistax iddur fuq ir-right lejn l-Imsida". Dwar l-istess punt, Mark Schembri sostna li "…. Fl-ahhar tan-nizla hemm sinjal li jindika li ma tistax iddur lejn ir-right waqt li f'nofs Triq il-Wied, kien hemm linja bajda kontinwa, liema punt jidher li gie kontestat mill-konvenut li sostna (fol 50 ibid) illi l-linja medjana f'Triq il-Wied kienet "interrotta".

Ikkunsidrat

Illi l-imsemmi Mark Schembri (fol 31 et seq ibid) xehed li kien qed jsuq f'Triq il-Wied b'velocita ta' madwar 35 kilometru fis-siegha. Fuq il-lemin tieghu fl-ahhar tan-nizla laterali gja msemmija kien innota vettura li kienet wieqfa. Inoltre dejjem b'referenza ghall-istess vettura wieqfa, din harget "… ghall-gharrieda minn fejn kien u gie quddiemi". Hawnhekk hu ipprova jevita l-vettura l-ohra billi "…… ippruvajt indawwar lejn ix-xellug". Izda, ciononostante, hu laqat lill-vettura involuta fuq il-fanal ta' wara tal-lemin u, bhala konsegwenza, din kienet daret "wiccha l'fuq".

Hawnhekk, skond ix-xhud, il-konvenut kien talab skuza tal-akkadut u kien ammetta mieghu li kient tort tieghu. Da parti tieghu, l-konvenut (fol 49 u fol 53 et seq ibid) sostna li hu kien waqaf qabel is-sinjal ta' "stop" msemmi u ".. iccekkjajt li ma humiex gejjin karozzi miz-zewg direzzjonjiet, kemm fuq ix-xellug u kemm fuq il-lemin". Hawnhekk, hu hareg ghal fuq it-triq principali u dar fid-direzzjoni tal-Imsida. Meta hareg u "kont di gja … ghal fuq il-main road, saret il-habta mal-karozza misjuqa minn Mark Schembri u li hu "immagina" li kienet gejja mid-direzzjoni ta' Birkirkara. Dwar dan, fil-kontro ezami li sarlu, hu ammetta li "stajt nara sew it-traffiku li kien gej minn certa distanza…. Ghalhekk ma ghandiex idea kif ma rajtx il-vettura l-ohra".

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher, fl-opinjoni fondata tal-Qorti, illi dan l-incident sehh minhabba traskuragni da parti tal-konvenut. Difatti jidher, mix-xhieda tieghu stess kif hawn fuq citata, li hu ma hax il-prekawzjonijiet kollha qabel ma hareg fuq it-triq principali msemmija. Dan jirrisulta mill-fatt li hu stess xehed li ma jistax jispjega kif ma rax il-karozza misjuqa mill-imsemmi Mark Schembri fuq in-naha tax-xellug tieghu. Dan filfatt jista jigi spjegat li l-konvenut ma kienx attent bizzejjed meta esplora t-triq principali sabiex jara jekk fuq din kienx hemm traffiku ghaddej. Ghandu jinghad ukoll li ma instabet ebda prova ta' sewqan traskurat u negligenti da parti tal-istess Mark Schembri li, anzi, jidher li hkien qed jsuq fuq in-naha tieghu tat-triq b'velocita skond il-ligi.

Ikkunsidrat

Illli, dan premess, ma hux opportun li din il-Qorti tara jekk filfatt, il-konvenut setax jesegwixxi l-manuvra esegwita minnu u kif deskritta hawn fuq ossija jekk setax jdur lejn il-lemin tieghu u jsuq fid-direzzjoni tal-Imsida.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-"quantum" tad-danni, gie prodott kemm Joseph Mula (fol 33 et seq ibid) li esebixxa d-dokumenti kollha relattiv ghal dan il-kaz. L-istess xhud ikkonferma li l-assikurat-attur kien hallas Lm25 bhala "excess", kif ukoll Lm40.25,0 in konnessjoni ma kiri ta' karozza.

Illi, ghalhekk, dak mitlub fl-avviz in esami bhala danni likwidati, jidher li hu gustitikat.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba negligenza fis-sewqan da parti tal-istess konvenut.

2. tillikwida l-ammont totali ta' danni fis-somma ta' Lm383.91,0 u:

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' Lm333.91,0 u lill-attur Alexander sive Alex Schembri s-somma ta' Lm50 bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Frar 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tas-26 ta' Frar 1998 u tal-21 ta' Mejju 1998, imsemmijin fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------